MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2011

Numru 1126/2011

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Fabian Fleri)
**vs**
**RENATO ANTHONY STIVALA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Renato Anthony Stivala ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, iben Joseph Lawrence u Jane Antida nee’ Galea, imwieled il-Canada nhar l-25 ta’ Ottubru 1981, residenti Appartamenti l-25 Anniversarju Entratura A, Flat 5, Triq Luigi Pisani, Kalkara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 52093M, akkuzat talli;

B’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

Bejn it-22 t'Awwissu 2011 u d-29 t'Awwissu 2011 minn gewwa l-ATM's tal-Bank of Valletta li jinsabu f'Bormla, Mqabba, Rahal Gdid u San Giljan ikkommetta serq ta' sitt mija u tmenin Euro (€ 680) ghad-dannu ta' Giovanna Antida Stivala, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lid-derubata Giovanna Antida Stivala tiddikjara li hija omm l-imputat u semghetha wkoll tiddikjara li hija m'ghandhiex interess f'dawn il-proceduri u ghazlet ukoll li ma tixhidx.

**Ikkunsidrat**

ILLI l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

ILLI l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------